

**Brussell, 27 ta' Novembru 2019
(OR. en)**

13867/19

**SPORT 94
JEUN 125
SOC 731
EDUC 442
DOPAGE 28
COPEN 426
CRIMORG 153
DEVGEN 202
SUSTDEV 157**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13349/19 + COR1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport, kif adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill (EYCS) fil-21 u t-22 ta' Novembru 2019.

IL-ĠLIEDA KONTRA L-KORRUZZJONI FL-ISPORT

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill –

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,
IMLAQQGħIN FIL-KUNSILL

WAQT LI JIRRIKONOXxu LI

1. Il-bażi fundamentali tal-isport hija mibnija fuq is-sodisfazzjon tal-isforz, il-valur edukattiv ta' eżempju tajjeb, ir-responsabbiltà soċjali u r-rispett għall-prinċipji etiċi fundamentali universali¹.
2. Il-korruzzjoni fl-isport mhijiex fenomenu ġdid. Fl-aħħar 20 sena tfaċċaw għadd dejjem akbar ta' każijiet minħabba bidliet sinifikanti fl-industrija tal-isport, prinċipalment relatati mal-kummerċjalizzazzjoni li qed tiżdied u r-rappurtaġġ mill-media tal-isport, li jirriżultaw f'żieda fid-dħul u fil-flussi finanzjarji.
3. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport ħadet ħafna forom minn atturi differenti u matul is-snin inkisbu xi riżultati tajbin.
4. Każijiet ta' korruzzjoni bi profil għoli wrew il-ħsara potenzjali li l-każijiet ta' korruzzjoni jikkawżaw għar-reputazzjoni tal-isport għall-integrità u l-kompetizzjoni leali. Barra minn hekk, dan jippermetti li l-ineffiċjenzi ekonomiċi jiffjorixxu u jdgħajjef il-fiduċja fil-gvernijiet, fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fid-demokrazija b'mod ġenerali.
5. L-isport qed jiffaċċa kemm korruzzjoni fil-kompetizzjoni kif ukoll fl-amministrazzjoni². Il-korruzzjoni fl-isport għandha bosta forom, bħat-tixħim, l-eżerċitar ta' influwenza, l-abbuż tal-funzjonijiet, il-manipulazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi u l-ħasil tal-flus. Il-korruzzjoni tiġi ffaċilitata minn nuqqas ta' regoli jew minn implimentazzjoni inadegwata tar-regoli eżistenti dwar il-kunflitti ta' interess, jew bibien iduru bejn is-settur pubbliku u dak privat. Barra minn hekk, il-korruzzjoni tista' tkun relatata mad-doping.

¹ Prinċipji Fundamentali tal-Olimpiżmu, Kumitat Olimpiku Internazzjonali, Settembru 2015.

² Ara d-definizzjonijiet fl-Anness.

6. Il-korruzzjoni fl-isport immanifestat ruħha f'diversi kuntesti li jvarjaw minn attivitajiet mingħajr skop ta' qligħ sa attivitajiet li jinvolvu avvenimenti internazzjonali ta' profil għoli. In-natura kumplessa tal-korruzzjoni fl-isport ħolqot sfidi sinifikanti għall-amministrazzjoni tal-isport u għal dawk li jfasslu l-politika biex jidentifikaw fejn jinsabu l-problemi u biex jiżviluppaw azzjonijiet li jsolvu dawn il-problemi u jissalvagwardjaw l-integrità tal-isport.
7. Fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod partikolari fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-komunità internazzjonali rrikonoxxiet l-isport bħala faċilitatur importanti għall-iżvilupp sostenibbli³, iżda wkoll l-effetti ta' ħsara tal-korruzzjoni fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, u wiegħdet li tnaqqas sostanzjalment il-korruzzjoni u t-tixħim fil-forom kollha tagħhom⁴. L-indirizzar tal-korruzzjoni u l-ħidma ma' pajjiżi sħab biex jipromwovu miżuri kontra l-korruzzjoni huma parti mill-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri tagħha⁵.

JIKKUNSIDRAW LI

8. Filwaqt li forom speċifiċi ta' korruzzjoni fl-isport ilhom fuq l-aġenda tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE għal bosta snin, m'hemm l-ebda approċċ ġenerali tal-UE għal miżuri kontra l-korruzzjoni fil-qasam tal-isport.
9. Reazzjoni ta' suċċess għal din il-kwistjoni kumplessa fil-qasam tal-isport teħtieġ strateġija fit-tul, li jenħtieġ li tinvolvi l-istabbiliment ta' approċċ komuni tal-UE għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport u l-identifikazzjoni ta' riskji ta' korruzzjoni, il-kawżi ewlenin tagħhom u l-oqfsa u l-mekkaniżmi legali eżistenti.

³ Riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti 70/1 - Nittrasformaw id-Dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (paragrafu 37) u 73/24 - L-isport bħala faċilitatur tal-iżvilupp sostenibbli.

⁴ Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, Għan 16 (mira 16.5)

<https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld>.

⁵ Il-paragrafu 50 u t-taqsima 2.4 tal-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp (2017).

10. Hija r-responsabbiltà kondiviża u fl-interess tal-partijiet ikkonċernati kollha fil-qasam tal-isport li jiġġieldu kontra l-korruzzjoni fl-isport, inkluż organizzazzjonijiet sportivi nazzjonali, Ewropej u internazzjonali, klabbs sportivi, organizzazzjonijiet rilevanti oħra tas-soċjetà ċivili, amministrazzjonijiet pubbliċi, aġenziji tal-infurzar tal-liġi, aġenti sportivi, atleti u l-kontinġent tagħhom, l-industrija tal-imħatri, laboratorji, sponsors u l-media.
11. In-nuqqasijiet fil-governanza tal-organizzazzjonijiet sportivi, kif ukoll fis-settur pubbliku, jistgħu jfixxlu l-kapaċità tagħhom li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u jikkompromettu l-parteċipazzjoni mill-atleti u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.
12. Il-protezzjoni tal-informaturi hija element kruċjali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni u d-detezzjoni tal-korruzzjoni fl-isport.
13. Il-prinċipji bażiċi ta' governanza tajba fl-isport jinkludu, bħala rekwiżit minimu, strutturi demokratiċi, proċeduri elettoralni regolari u miftuħa, organizzazzjoni u amministrazzjoni kompetenti u etika, obbligu ta' rendikont u trasparenza fl-operazzjonijiet finanzjarji u tat-teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll ġustizzja fit-trattament tas-sħubija, inkluż fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u s-solidarjetà⁶.
14. It-Trattati jirrikonoxxu l-korruzzjoni, it-traffikar illeċitu tad-droga, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata bħala wħud mill-"oqsma ta' reati partikolarment serji b'dimensjoni transkonfinali li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' tali reati jew minn hteġa speċjali li jiġu miġġielda fuq bażi komuni" li għalihom jistgħu jiġu stabbiliti regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet⁷. Huwa fl-interess komuni li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom politiki effettivi kontra l-korruzzjoni u li l-UE tappoġġa lill-Istati Membri biex iwettqu din il-ħidma, inkluż fil-qasam tal-isport.

⁶ Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec (2005)8 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri.

⁷ Artikolu 83(1) TFUE.

15. Jenħtieġ li l-korpi ta' tmexxija tal-isport ikunu jistgħu jżommu livell għoli ta' awtonomija fit-twettiq tar-rwol tagħhom fl-oqsma kollha tal-isport. Dan jiġi b'rikonoxximent impliċitu li kwalunkwe tali awtonomija trid tinkiseb permezz ta' governanza tajba u ż-żamma tal-ogħla standards ta' integrità fl-isport tagħhom⁸. Għal diversi snin, il-moviment sportiv beda proġetti, networks u inizjattivi oħra biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni fl-isport. Jenħtieġ li titqies u tiġi żviluppata aktar din il-ħidma meta jiġu kkunsidrati azzjonijiet ulterjuri.
16. Organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti, l-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Interpol u l-Europol, kif ukoll il-G20⁹, introduċew miżuri fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod ġenerali u, b'mod aktar speċifiku, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport. Jenħtieġ li l-azzjonijiet tal-UE jibnu fuq il-kooperazzjoni internazzjonali eżistenti, filwaqt li jrawmu u jikkumplementaw tali kooperazzjoni fejn jista' jinstab il-valur miżjud.
17. Forom eżistenti u ġodda ta' networks jistgħu jiffaċilitaw l-għan komuni li jipprevjenu l-korruzzjoni u jippromwovu governanza tajba billi jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet intergovernattivi, organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali u gvernijiet, u billi jgħaqqdu l-isforzi tad-diversi partijiet ikkonċernati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport. Is-Sħubija Internazzjonali Kontra l-Korruzzjoni fl-Isport (IPACS) hija eżempju potenzjali ta' tali kooperazzjoni futura informali.
18. L-Istati Membri għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali. Jenħtieġ li jippromwovu u jappoġġaw, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sportivi, l-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' governanza tajba fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali; b'mod partikolari, billi japplikaw politika ta' tolleranza żero għall-korruzzjoni fl-isport; billi jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba mill-moviment sportiv nazzjonali tagħhom; jew billi jinkludu l-governanza tajba fil-kriterji għall-għoti ta' għotjiet pubbliċi lill-isport.

⁸ Future of Global Sport (Il-Futur tal-Isport Globali), 2019 ASOIF. Ara wkoll COM(2011) 12 final L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport.

⁹ Fis-summit tagħhom ta' Hamburg fl-2017, il-mexxejja tal-G20 impenjaw ruħhom li jkomplu l-ħidma tagħhom biex jindirizzaw l-integrità fl-isport u ħeġġew lill-organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali biex jintensifikaw il-ġlieda tagħhom kontra l-korruzzjoni billi jiksbu l-ogħla standards globali ta' integrità u kontra l-korruzzjoni. F'dan ir-rigward, il-mexxejja tal-G20 impenjaw ruħhom li jirsistu għal fehim komuni dwar ir-riskji ta' korruzzjoni fl-offerti ta' avvenimenti sportivi ewlenin.

19. Ser tkun meħtieġa kooperazzjoni effettiva fost l-istrutturi eżistenti rilevanti u taħlita ta' riżorsi għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-miżuri kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX

20. Issaħħu l-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport, inkluż billi jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri xierqa leġislattivi u ta' infurzar tal-liġi.
21. Jinkoraġġixxu u jippromwovu miżuri u attivitajiet biex jipprevjenu u jipprojbixxu rappreżalji u jintroduċu salvagwardji biex l-informaturi jiġu protetti milli jiġu sospiżi, jingħataw dimozzjoni u jkunu intimidati jew jiffaċċjaw forom oħra ta' ritaljazzjoni, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet tal-partijiet kollha.
22. Jistabbilixxu jew jirrevedu, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sportivi, pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u/jew strumenti biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni fl-isport u fid-dawl tal-infurzar ta' politika ta' tolleranza żero fir-rigward tal-korruzzjoni fl-isport.
23. Jippromwovu implimentazzjoni u monitoraġġ xierqa tal-prinċipji ta' governanza tajba mill-moviment sportiv biex tiġi evitata l-korruzzjoni fl-isport.
24. Jirrevedu l-azzjonijiet possibbli fl-ġhoti ta' finanzjament pubbliku abbażi tal-impenn tal-organizzazzjonijiet biex jimplimentaw miżuri rigward il-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
25. Iqajmu kuxjenza u jipprovdu edukazzjoni u taħriġ inizjali u kontinwu ta' uffiċjali rilevanti, inkluż dawk li jaħdmu fl-infurzar tal-liġi, u partijiet ikkonċernati involuti f'politiki ta' kontra l-korruzzjoni rilevanti għall-isport.
26. Jeżaminaw modi, flimkien mal-Kummissjoni, biex jissolva l-imblokk fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Manipulazzjoni tal-Kompetizzjonijiet Sportivi, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2019, bil-ħsieb li l-UE u l-Istati Membri tagħha kollha jkunu jistgħu jlestu l-proċessi ta' ratifika rispettivi tagħhom u jaderixxu mal-Konvenzjoni mill-aktar fis possibbli.

27. Fid-dawl tal-ħidma preċedenti f'dan il-qasam, tagħmel proposta għal pjan ta' azzjoni koerenti u transsettorjali, li jinkludi kif xieraq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, dwar il-korruzzjoni fil-kompetizzjoni u fl-amministrazzjoni sportivi.
28. Tippromwovi l-kooperazzjoni u s-sinerġiji ma' u bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' organizzazzjonijiet u networks internazzjonali oħra, b'mod partikolari mal-Kunsill tal-Ewropa, u tqajjem kuxjenza dwar tali kooperazzjoni u l-eżiti tagħha.
29. Tippivedi u ssaħħa id-djalogu bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-moviment sportiv dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport u tappoġġa, flimkien ma' organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali, inizjattivi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni f'avvenimenti internazzjonali u kompetizzjonijiet transkonfinali.
30. Tivvaluta kif il-programmi u l-istrumenti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-korruzzjoni fl-isport.
31. Tagħmel użu mill-finanzjament relatat mal-isport tal-programm Erasmus+, kif ukoll programmi ta' finanzjament rilevanti oħra, biex jiġu promossi miżuri preventivi li jikkonċernaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-governanza tajba fl-isport kif ukoll l-iskambju ta' prattiki u politiki tajbin bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati.
32. Tikkunsidra l-inklużjoni tal-korruzzjoni fl-isport fil-programm tal-UE għall-qsim ta' esperjenzi kontra l-korruzzjoni¹⁰ u l-integrazzjoni tal-isport fl-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
33. Tkompli tassisti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri permezz tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS) sabiex titjieb il-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-isport u l-ġlieda kontriha.

¹⁰ Il-Programm għall-Qsim ta' Esperjenzi tnieda mill-Kummissjoni Ewropea fl-2015 biex jappoġġa lill-Istati Membri, l-NGOs lokali u partijiet ikkonċernati oħra fl-indirizzar tal-isfidi speċifiċi identifikati fir-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni (Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni. COM(2014) 38 final, 3.2.2014).

JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV BIEX

34. Itejjeb l-isforzi tiegħu biex jissalvagwardja l-integrità tal-isport u jkompli jinvolvi ruħu fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport billi jieħu inizjattivi dwar miżuri effettivi kontra l-korruzzjoni u sanzjonijiet abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' approċċ ta' tolleranza żero mil-livell tal-massa sal-ogħla livell.
35. Jadotta approċċi sostenibbli u jimpenja ruħu għal kodiċi ta' kondotta għal governanza tajba inkluż sistema robusta ta' konformità b'monitoraġġ, sanzjonijiet u tisħiħ tal-kapaċitajiet.
36. Iqajjem kuxjenza, jipprovdi edukazzjoni u taħriġ inizjali u kontinwi, jintroduċi rakkomandazzjonijiet u jxerred l-aħjar prattiki dwar il-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-isport, inkluż dwar il-governanza tajba, fil-livelli kollha.
37. Jadotta regolamenti u proċessi dixxiplinari xierqa sabiex jissanzjona lil dawk involuti fil-korruzzjoni, u miżuri xierqa biex jissalvagwardja l-informaturi filwaqt li jirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet tal-partijiet kollha.
38. Għall-finijiet ta' finanzjament pubbliku, jikkoopera mal-awtoritajiet pubbliċi fil-ħolqien ta' standards għal governanza tajba u l-valutazzjoni tal-konformità ta' dawk l-istandards.
39. Jikkollabora mal-awtoritajiet, l-aġenziji u l-organizzazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi responsabbli għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

1. Referenzi

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill ifakkru fi

L-Unjoni Ewropea

- Il-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-UE jew uffiċjali tal-Istati Membri u d-Deċiżjoni Kwadru tal-2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat
- Il-white paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-isport, b'mod partikolari l-kapitolu 4.6 dwar "Il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u forom oħra ta' delitti finanzjarji" (Lulju 2007)¹¹
- Grupp ta' Esperti tal-UE dwar il-Governanza Tajba fl-Isport (2011–2014): Prinċipji ta' Governanza Tajba fl-Isport (Settembru 2013)
- Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE¹²
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rivelazzjonijiet reċenti ta' każijiet ta' korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-FIFA (2015/2730(RSP))¹³
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-integrità, it-trasparenza u l-governanza tajba favvenimenti sportivi ewlenin (Mejju 2016)¹⁴

¹¹ COM/2007/0391 final

¹² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50.

¹³ ĠU C 407, 4.11.2016, p. 81.

¹⁴ ĠU C 212, 14.6.2016, p. 14.

- Grupp ta' Esperti tal-UE dwar il-Governanza Tajba fl-Isport (2014-2017): Promotion of existing good governance principles (Il-promozzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba eżistenti) (Lulju 2016)¹⁵
- Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar approċċ integrat għall-Politika tal-Isport: governanza tajba, aċċessibilità u integrità (2016/2143(INI))¹⁶
- Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2017-31 ta' Diċembru 2020)¹⁷
- 'Mapping of corruption in sport in the EU' (L-immappjar tal-korruzzjoni fl-isport fl-UE) imfassal għall-Kummissjoni Ewropea minn Ecorys (Diċembru 2018)¹⁸
- Id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Kunsens Ewropew il-Ġdid dwar l-Iżvilupp: "Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Futur Tagħna", il-paragrafu 50 u t-taqsima 2.4¹⁹
- Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-suq intern u li huma relatati mal-attivitajiet transfruntiera (Lulju 2019, COM (2019) 370 final), b'mod partikolari l-Kapitolu 2.1.6.1.1 dwar il-Futbol professjonali
- Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrappurtaw ksur tal-liġi tal-Unjoni (PE-CONS 78/19)²⁰
- Il-lista ta' wegħdi solenni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-governanza tajba

¹⁵ <https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=25002&no=1>

¹⁶ ĠU C 252, 18.7.2018, p. 2.

¹⁷ ĠU C 189, 15.6.2017, p. 5.

¹⁸ <https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/71c67c33-1dff-11e9-8d04-01aa75ed71a1>

¹⁹ ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1.

²⁰ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/PE-78-2019-INIT/mt/pdf> - Test adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Ottubru 2019, għadu mhux ippubblikat fil-ĠU

In-Nazzjonijiet Uniti

- Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (2003)
- Il-Konvenzjoni Internazzjonali kontra d-Doping fl-Isport (2005)
- Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni; A Strategy for Safeguarding against Corruption in Major Public Events (Strateġija għall-Ħarsien kontra l-Korruzzjoni f'Avvenimenti Pubbliċi Ewlenin) (2013)
- L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (2015)²¹
- Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Kazan mis-Sitt Konferenza Internazzjonali tal-UNESCO tal-Ministri u l-Uffiċjali Għolja Responsabbli għall-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport, MINEPS VI (2017)

Il-Kunsill tal-Ewropa

- Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)12 tal-Kumitat tal-Ministri għall-Istati Membri dwar il-promozzjoni tal-governanza tajba fl-isport
- Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Kontra d-Doping (ETS Nru 135)
- Il-Konvenzjoni tal-Liġi Ċivili tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Korruzzjoni (ETS Nru 174), il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni (ETS Nru 173) u l-Protokoll Addizzjonali tagħha (ETS Nru 191)
- Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Manipulazzjoni tal-Kompetizzjonijiet Sportivi (ETS Nru 215)

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD)

- Il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Transazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali, adottata mill-Konferenza ta' Negozjar fil-21 ta' Novembru 1997
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Miżuri tat-Taxxa għall-Ġlieda Ulterjuri Kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali, 25 ta' Mejju 2009 - C(2009)64

²¹ Riżoluzzjoni tal-AĠNU A/RES/70/1 tal-UNGA tal-25 ta' Settembru 2015

Varji

- Trasparenza internazzjonali: Global Corruption Report: sport (Rapport Globali dwar il-Korruzzjoni: l-isport) (23 ta' Frar 2016)
- Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20: Shaping an Interconnected World (Insawru Dinja Interkonnessa): (Hamburg, 7-8 ta' Lulju 2017)

2. *Definizzjonijiet*

Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet:

"Korruzzjoni fil-kompetizzjoni" tfisser korruzzjoni fl-isport relatata mar-riżultat u/jew il-perkors ta' kompetizzjoni sportiva.

"Korruzzjoni fl-amministrazzjoni" tfisser il-korruzzjoni fl-isport li mhijiex relatata mar-riżultat u/jew il-perkors ta' kompetizzjoni sportiva.